# LEĦEN IL-MALTI

JANNAR-MARZU 1949. ID-DSATAX-IL SENA Għadd 215-217.


# TAHT GHAJNEJN IŻ-ŻMIEN


(*Editorjal tal-*PROF. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)


*"Well, Time is the old justice that examines all*
*Such offenders, and let Time try."*
(Shakespeare: *As you like it*, IV, 1).

*TMINTAX-IL SENA ilu, Kummissjoni Rjali ntbagħtet mill-Ingilterra biex tistħarreġ il-qagħda politika f'Malta u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Gvern Imperjali. Ir-rapport ta' dil-kummissjoni, stampat l-Ingilterra (H.M. Stationery Office) fl-1932, inbena fuq ix-xehda li l-membri tal-Kummissjoni semgħu minn għand diversi mexxejja ta' l-opinjoni pubblika u ta' partiti politiċi, xehda li tinsab miġbura kollha fi ktieb maħruġ mill-Istamperija tal-Gvern ta' Malta fl-1931. Iż-żewġ kotba flimkien meta jkunu studjati sewwa u bir-reqqa għad jixħtu ħafna dawl fuq l-iżvilupp tal-ħajja politika u l-istorja kostituzzjonali fil-gżejjer tagħna.*

*Mill-ġabra tax-xhieda beħsiebni nfakkar f'aspett wieħed biss, dik il-ħabta mill-iktar f'għajnejn in-nies, jiġifieri l-kustjoni tal-lingwa kif tolqot il-Malti, u kif kienet imfissra minn wieħed mill-mexxejja tal-partiti politiċi li l-lum,* ratione officii, *għandu importanza aktar mill-oħrajn kollha, mingħajr b'daqshekk ma ngħid li l-mertu tas-soluzzjoni tal-kustjoni iebsa tal-lingwa hija tiegħu waħdu. Għażilt il-kliem ta' Dr. Boffa, il-Prim Ministru ta' Malta, għax għall-istudjużi ta' l-istorja, għal dawk kollha li jifhmu li l-ġrajjiet ma jitwildux u jmutu f'daqqa, hu importanti ħafna s-sens tal-kontinwità storika biex japprezzaw il-fatti kif bdew, l-importanza tagħhom u l-personalità ta' min ħa l-piż tagħhom quddiem l-opinjoni pubblika ta' żmienu u quddiem l-istorja ta' għada.*

*Nibdew mit-Taljan f'Malta. X'kien jaħseb fuqu Dr. Boffa? L-opinjoni ta' Dr. Boffa tidher dik imfissra f'paragrafu tal-memorandum tal-Partit tax-Xogħol li hu qara quddiem il-Kummissjoni. i.e.* "The Italian language in Malta is only an instrument of class domination much in the same way as the French Language was in England when the Norman rulers maintained their

domination over the Anglo-Saxon masses through the use of that Language......" *Din it-teżi hija storikament vera, u mbarra l-eżempju tal-Franċiż fl-Ingilterra msemmi f'dal-memorandum setgħu ssemmew ħafna eżempji oħra, kif wera Ġ. Cassar, wieħed mill-kontributuri ta' din ir-rivista, fl-istudju tiegħu "Il-Malti u Ilsna Oħra" (Jannar-Marzu 1947). Din hi l-marda kif raha Dr. Boffa, u kif kienu jarawha ħafna oħra bħalu. X'inhu r-rimedju? Jinsab imsemmi fl-istess biċċa tal-memorandum:* "It is not known to what extent Maltese interests are to be subordinated to the exigencies of British Foreign Policy, but it is believed that it is high time a remedy was found whereby the people of these Islands be given free and unfettered opportunity to develop their nationality through their own language without the imposition of a foreign language." *F'dal-kliem għandna affermat b'mod l-aktar solenni u preċiż l-istatus tal-Lsien Malti bħala l-aqwa sinjal tan-nazzjonalità tagħna. U iżjed 'il quddiem (p. 73) Dr. Boffa qal ukoll* : "......We are neither English nor Italian, but are something else. We are Maltese, pure Maltese". *U jarġa' aktar 'il quddiem żied igħid* : "Maltese is bound to be the chief and only national language of Malta notwithstanding the opposition which is now coming from the legal classes only...... Maltese must come first, as it is the language of the nation......" *Dan ma jfissirx li Dr. Boffa ried iwarrab l-Ingliż, għax b'hekk ħsara mhux ġid kien jagħmillu lill-poplu, imma jfisser biss li bħala Malti l-ewwel preferenza kien jagħtiha lil ilsien art twelidu. Biex juri li ma riedx iwarrab l-Ingliż, hu fisser il-fehma* "that Maltese will figure in the next Constitution as an official language, together with, if not prior to, the English language". *Mistoqsi minn wieħed tal-Kummissjoni jekk il-Malti għandux jidħol fl-amministrazzjoni u l-Qrati, Dr. Boffa wieġeb li għandu jidħol kullimkien (p. 64). Iżjed 'il quddiem (p. 109) Dr. Boffa qal ukoll* : "They said, among other things, that Maltese lowers the dignity and the prestige of Parliament, certainly it lowers the dignity and prestige of the Church if it is used in the Church. It is high time that the imposition of a foreign language which is not our own, which has never been our own and which will never be our own, should be removed from the Constitution."

*F'dak iż-żmien imwiegħer il-Malti ma kien xejn kif inhu l-lum. L-istudenti żgħażagħ, meta jaraw kemm minnhom qegħdin jieħdu sehem fid-dibattimenti, attivitajiet drammatiċi u kulturali*

*tal-Għaqda tal-Malti (Università) mhux la kemm iġibu quddiem għajnejhom iż-żmenijiet sħan meta jekk kont tkun tħobb il-Malti kont issib ruħek maqtugħ għalik u mdawwar minn studenti oħra bħalek u professjonisti, kollha jridu jafu għaliex? dan kif? L-Università minn dak iż-żmien tbiddlet bħan-nhar mill-lejl bis-saħħa tal-Kattedra tal-Malti li qisha l-għajn il-kbira li minnha, bħal nixxigħat oħra żgħar, ħarġu dawk l-attivitajiet li l-lum huma l-għaxqa tal-kotra l-kbira ta' l-istudenti. F'paġ. 368 Dr. Boffa fakkar f'dan iż-żmien ikrah u qal* : "At the sitting of the graduates of the Malta University, when I proposed to address them in Maltese, I was not allowed to do so by the Chairman...... He told me that it was not the custom to speak Maltese in the University, because, he said, 'We are the cultured classes, and everyone of us understands Italian and English'. I admit that. But I admit also that it is easier to express myself in Maltese." *Imma sa mill-1931 kienu bdew jidhru sinjali sbieħ tal-bnazzi, tar-rebħa wara t-taqbida. Dak l-ewwel sinjal tal-bnazzi kien* Leħen il-Malti *stampat mill-istudenti wlied l-*Alma Mater *fejn qabel ma kontx tista' titkellem bil-Malti. Lill-membri tal-Kummissjoni Dr. Boffa qallhom* : "To-day things have changed. Maltese nationalism is asserting itself not only among the masses but among the cultured classes as well... I will hand in a booklet which goes to prove that Maltese is finding its way also into the University. Some of the University students are issuing this literary booklet in Maltese — I think monthly" (*p. 368*). *Dan il-ktieb kien dan li qegħdin taqraw*, Leħen il-Malti, *fl-ewwel żmien ta' ħajtu*, *frott tal-*Għaqda tal-Malti (Università) *li fl-okkażżjonijiet meta Dr. Boffa kien il-mistieden tagħha wrietu biżżejjed x'taf tagħmel għall-kultura ta' l-istudent Malti.*

*Riformi serji ma jsirux għalxejn. U lanqas ma jkun ħaqqu tifħir min jagħmilhom biex jinki lil min ma jaqbilx miegħu jew għal xi qerq ieħor ta' moħħu. Imma Dr. Boffa wera li kellu ħsieb serju u xewqa ta' ġid. Hu ried li l-Malti jieħu post it-Taljan biex il-Maltin kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn, ikollhom mezz tajjeb biex jedukaw ruħhom, il-mezz ta' l-emanċipazzjoni tagħhom politika u morali. Għal kull poplu dan il-mezz hu l-lingwa li jitkellem. Għall-Maltin mela hu l-Malti. Dr. Boffa qal* : "We would be the last to believe that the Imperial Authorities or the Royal Commission are going to be partners, in any shape or form, in obstructing the intellectual development of the

masses. The intellectual development of the masses can never be destroyed.''

*X'konklużjonijiet noħorġu mill-fehmiet li ġibna mix-xehda ta' Dr. Boffa quddiem ir-Royal Commission fl-1931? Din hi l-konklużżjoni li noħorġu. Dr. Boffa ried li l-Malti jkun ilsien uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern, u strument ta' l-emanċipazzjoni tal-moħħ tal-kotra tan-nies tax-xogħol li, bħall-kotra tan-nies tax-xogħol Franċiżi, Spanjoli, Taljani u oħrajn, ma tafx ħlief l-ilsien tagħha. X'konklużjoni toħroġ minn dil-konklużjoni? Igħidu l-filosofi li min irid l-effett irid il-kawża, jew, biex niftiehmu, min irid d-dawl irid il-lampa. Fi kliem ieħor, meta Dr. Boffa fisser ix-xewqa ta' l-emanċipazzjoni intellettwali tal-ħaddiem hu impliċitament fisser ix-xewqa li lsien il-poplu jkun maħdum u żviluppat hekk tajjeb li jkun jixraq lil nazzjon ċivilizzata. Min irid ilibbsek bis-serjetà jaqtagħlek libsa li tiġik. Jekk jaqtagħlek drapp inqas mhux ilibbsek ikun irid, imma jwaqqgħek għaċ-ċajt. Intennu: biex il-Malti jasal għall-ħsieb imfisser minn Dr. Boffa u minn oħrajn li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-partiti tal-politika, l-istudju tal-Malti jrid jasal fejn twasslu l-kapaċità u l-ħila tan-nies studjużi. U hawn tispiċċa l-politika u jibda l-istudju, joħroġ il-politikant u jidħol l-istudjuż. Hawn jidħlu esperti oħra, esperti li jafu jitħaddtu fuq l-istudju għax qegħdin fuqu, għax isibu żmien jaqraw u jistudjaw u jqabblu l-progress kulturali ta' arthom ma' ta' ġnus oħra. Ngħiduha kif inhi. Biex jidħol il-Malti kellu jitneħħa lsien ieħor li ma kien qatt tal-poplu imma ta' ftit min-nies. Biss dawn il-ftit min-nies studjaw it-Taljan hekk tajjeb, ħabbewh daqshekk li ħolqu daqsxejn ta' letteratura Taljana f'Malta li għandha l-merti tagħha wkoll. Biss, kif ktibt x'imkien ieħor jien, għall-kotra tal-Maltin, din il-letteratura qisha ġnien magħluq, ġnien li għandu miktub fuq il-bieb tiegħu ''Ma tistax tidħol''. Mhux biżżejjed tneħħi. Flok dak li tneħħi trid tqiegħed. Flok il-letteratura Taljana tal-Maltin qegħidna letteratura oħra tal-Maltin b'ilsien il-Maltin li jista' jifhimha kull ħaddiem li għandu ftit tal-gosti serji, u jekk ma jħobbx il-poeżiji hemm il-proża. Aktar ma jgħaddu s-snin aktar ikollu x'jaqra. Il-pajjiż mhux magħmul min-nies tal-pulitka biss. Allaħares! Hu magħmul minn diversi klassijiet; fost dawn il-klassi intellettwali u l-klassi artista. Biex poplu jista' jissejjaħ nazzjon, kif xtaqu Dr. Boffa u kif nixtiquh aħna, irid jipproduċi, imbarra patata, basal u qara' aħmar, xogħol tal-moħħ u tal-qalb,*

*jiġifieri opri ta' studju u ta' estetika biex wieħed jista' jifhem li l-poplu, minbarra stonku x'jimla, għandu wkoll moħħ ta' ċertu livell biex jaħseb u qalb biex iħoss. Il-pulitka dawn tista' tipproduċihom b'mod wieħed biss; jiġifieri billi tagħmel il-qalb u tgħin l-istudji u ma tippruvax tfixkilhom jew tnaqqsilhom ġiehhom kif iħobbu jagħmlu nies li jmaqdru dak li ma jafux jew m'għandhomx hila jagħmlu huma. Hafna mill-kritiċi ta' l-ilsien Malti huma nies li fuq il-Malti ma jafu xejn għax qatt ma studjawh; huma għalhekk mill-ġenerazzjoni ta' qabilna li ma laħqetx l-istudju serju tal-Malti u issa, għax qiegħda tarah ifarfar ġwienħu u jitla' ftit aktar 'il fuq mill-kapaċità u l-intelliġenza tagħhom, qegħdin igħidu: "Dan il-Malti fejn sa jitla'?" Kemm kien jaqbel għal kulħadd kieku flok hekk igħidu: "Dan moħħna kemm żamm 'l isfel? Kemm inqtajna mill-istudji li lanqas għadna nafu nagħmlu l-paraguni u sirna naraw kollox kbir?"*

*L-akbar ġid li jista' jsir lill-poplu l-lum hu li ngħallmuh il-Malti tajjeb u nħajjru l-kittieba kolti tagħna biex ixerrdu t-tagħlim fost kulħadd. Biex iseħħ dal-ħsieb l-ebda lsien ieħor ma jirbaħ lill-Malti fl-iskejjel primarji. Għax tinsewx li fl-aħħar mill-aħħar lingwa tixbah lill-fili tat-telegraf li jintbagħtu l-messaġġi magħhom. Infissru l-paragun. Il-fili huma l-kliem; il-messaġġi huma l-ħsebijiet. Meta lit-tifel żgħir konna ngħallmuh ilsien barrani biss konna nittraskuraw l-aktar żvilupp importanti fil-moħħ tiegħu ċkejken, jiġifieri l-ħsieb, għax meta tifel jaqbad jitgħallem lingwa barranija meta moħħu jkun għadu ma jafx igħaqqad il-ħsebijiet flimkien, dil-lingwa ssir għalih ġabra ta' ħsejjes, ħafna kliem maqtugħ, u sens xejn. U wara li joħroġ mill-iskola qisu ma daħal qatt fiha. Għalhekk fl-iskejjel primarji t-tfal Ingliżi jitgħallmu l-Ingliż biss, il-Franċiżi l-Franċiż u t-Taljani t-Taljan. Hija n-neċessità u mhux ix-xjenza pedagoġika li ġġegħilna ngħallmu żewġt ilsna lit-tfal tagħna. Imbagħad ħafna nies, li jifhmu fl-edukazzjoni daqs kemm jien nifhem fin-numismatika, igħidulek: "Għax ma ngħallmux lit-tfal tagħna lingwa oħra barra l-Malti u l-Ingliż? Tliet lingwi mhux aħjar minn tnejn?" Aħjar ħafna, imma wisq aħjar għaxar lingwi flok tlieta. Imma fil-ħajja għandna nqisu mhux x'kien ikun l-aħjar imma x'jista' jkun l-aħjar skond il-ħila tal-bniedem u tal-pajjiż. Haġa mhux biżżejjed tixtieqha. Trid tara tistax issir.*

*Il-kustjoni hija diversa fl-iskejjel sekondarji. Hawnhekk jidħlu prinċipji oħra. U għal min irid jiżviluppa t-tagħlim sekonda-*

*rju xjentifikament jaqbillu jitgħallem mill-esperjenzi ta' pajjiżi oħra, l-aħjar għalina l-Ingilterra.*

*U l-Università? L-Università hija kullimkien l-istituzzjoni ta' l-ogħla tagħlim u l-kriterji li tmexxi t-tagħlim tagħha fuqhom huma liberali u mhux utilitarji. Billi hawn Malta aħna mdorrijin b'Università taħt il-livell ta' universitajiet Ingliżi u kontinentali ħafna drabi tisma' gradwati jagħtu opinjonijiet skandalużi fuq in-natura w direzzjoni ta' l-istudji universitarji. U skandlu* par excellence *kienet l-oppożizzjoni ta' xi gradwati għall-awtonomija akkademika ta' l-Alma Mater Maltija. Fl-Università prinċipju wieħed hemm dwar it-tagħlim: edukazzjoni liberali qabel kollox, utilitarja aċċidentalment biss. U kull suġġett li jintgħallem jintgħallem skond il-livell li jixraq lill-Università, kif isir f'Universitajiet oħra. Hekk qed jintgħallem il-Malti fl-Università. U fuq dan is-suġġett jista' jitkellem b'awtorità min għandu dik il-konvinzjoni li tiġi mill-istudju li jkun għamel u mhux mill-għawi li jkun sema'.*

*Dr. Boffa għen ħafna biex tintrebaħ il-ġlieda ta' lsien il-poplu kontra lsien barrani. Aħna li qegħdin ngħallmuh għad baqagħlna ġlieda oħra, il-ġlieda kontra l-injoranza u l-fehmiet imgħawġa, il-ġlieda kontra l-kriterji baxxi, u inferjuri għall-kriterji ta' artijiet oħra aktar żviluppati minna. F'din il-ġlieda ddejjaqna ħafna l-bruda ta' xi nies li mħabba r-rabta storika li kellhom mar-rebħa tal-Lsien Malti konna nistennewhom juru fiduċja akbar f'min qed irabbi u jkabbar dak l-ilsien li huma fdew politikament; konna nistennewhom juru apprezzament akbar tal-kwalifiki, xogħol u* research work *li fuqu jinbena l-prestiġju ta' l-istudji nazzjonali. Għax mhux biżżejjed titlob li poplu jkun magħdud b'nazzjon, u mbagħad ma tagħmel xejn biex iġġagħlu jifhem id-dinjità tan-nazzjonaliżmu Malti. L-istudji tagħna jeħtieġ jogħlew, flimkien ma' l-istudji ta' ilsna u soġġetti oħrajn. Id-dinja tkejjilna mhux mill-kliem sabiħ imma mill-għemil. Bħall-bidwi. Dan lis-siġra jkejjilha mhux mill-ħafna weraq u friegħi imma mill-frott li tagħtih. Il-Kattedra tal-Malti fl-Università qed tagħti frott li ma jagħmlilhiex għajb. Biżżejjed tgħid li minnha ħarġu għadd ta' attivitajiet li mhux żgur ħarġu daqshom minn kattedra oħra kemm ilha wieqfa l-Università. Imbagħad min ma jħobbx jaħdem iħobb inewwaħ biex jiġbed il-mogħdrija ta' xi ħadd li jgħidlu, għax ma jkunx jaf l-affari tiegħu: "Miskin, kemm hu maħqur bl-istudju!" Dawn l-uħud qegħdin fl-Università bi żball.*

*Jien napprezza ħafna x-xogħol li Dr. Boffa għamel għall-Malti għax jien ukoll kelli kemm-il ġlieda kontra nies influwenti li, mingħajr qatt ma studjaw il-Malti riedu, jekk jista' jkun, jeqirduh, jekk le, għall-inqas ifixkluh. U l-esperjenza għamlitni xi daqsxejn għaref, u forsi xi daqsxejn ċiniku wkoll. Il-ħajja għallmitni li ħafna drabi l-motiv ta' din l-oppożizzjoni huwa egojiżmu personali. Ha ngħidilkom xi esperjenzi tiegħi mingħajr ma nsemmi ismijiet. Xi sena ilu jiena u wieħed minn dawn l-egħdewwa ħorox tal-Malti sibna ruħna fejn xulxin fuq l-istess karrozza. Kien ferħan. Għaliex? Għax qalli li sar jaf li ibnu kien qed jitgħallem il-Malti u qabel kien jaħseb li fejn kien ma kenux qed igħallmuhulu. U kien jibża' għalhekk li jeħillu fl-eżami. Jien ma weġibtu xejn, għax dak il-ħin dħalt ġo qoxorti; fhimt f'daqqa waħda r-raġuni ta' l-oppożizzjoni kontra l-Malti; id-difiża ta' l-ulied! Għadu ieħor influwenti ipprova jbaxxi l-livell ta' l-istudju tal-Malti għax qal li kien għola wisq. Ma rnexxilux. Dak il-ħin ma stajtx nifhem ir-raġuni ta' l-oppożizzjoni tiegħu. Fhimtha xi żmien wara. Ibnu resaq għall-eżami u billi nzerta ħmar, weħel mhux fil-Malti biss imma f'kull suġġett ieħor. U għall-protezzjoni ta' dal-ħmar dal-papà kien ipprova jbaxxi l-livell ta' l-istudju tal-Malti.*

*Din hi s-saħta kbira li għandna hawn Malta. Żgħar wisq fil-għadd u l-moħħ. Meta jkun hemm xi riforma kulturali jew ekonomika ma noqogħdux naraw jekk hix ġusta jew le, imma kif sa tolqot jew tmiss lilna u 'l min jiġi minna. Bħas-sur X, ħabib tiegħi, li sakemm kien batut mill-flus, għajnejh kienu dejjem f'ġid ħaddieħor u mhux ħlief igħid: "Dak li għandu serqu u l-Gvern imissu jeħodhulu", u mbagħad iżżewweġ mara kapitaista u issa sar l-akbar difensur tal-ġid fejn hu sewwa u mhux. Moralità u prinċipji ta' l-okkażjoni!*

*Il-Malti fl-Università naqqas in-numru ta' l-istudenti? Lanqas xejn. Kollox bil-maqlub. Mindu daħal il-Malti n-numru ta' l-istudenti żdied u kiber. Il-lum il-problema hu mhux studenti ftit imma li mill-Università qed joħorġu iżjed professjonisti milli Malta tiflaħ tgħajjex. Mistoqsi quddiem il-Royal Commission fl-1931*: "Are there sufficient doctors in Malta?", *Dr. Boffa wieġeb:* "Yes, any amount. Too many". *Aħseb u ara l-lum li l-professjonisti baqgħu jiżdiedu!*

*Għalhekk wieħed mhux la kemm jifhem x'iridu jgħidu sewwa bil-kelma "eżaġerazzjoni" meta jgħiduha għall-istudju tal-*

*Malti fl-Università. Osservazzjoni għall-ġid kienet tkun li kull suġġett, kien liema kien, għandu jilħaq il-livell li jixraqlu. L-akbar eżaġerazzjoni li naf biha jien hija l-medjokrità tagħna f'kollox, għax nifthu idejna fejn imissna nagħilquhom, ma nagħtux importanza biżżejjed lill-kwalifiki u nieħdu aktar gost bil-kwantità milli bil-kwalità. Kemm niddubbaw! Niddubbaw! O kelma tal-għażż, meħuda mill-Isqalli u mogħtija tifsira skond in-natural tagħna, kemm ħsara għamiltilna s'issa fl-unur tagħna bħala poplu ċivilizzat u kemm ħsara għad tibqa' tagħmlilna sakemm nibqgħu kuntenti bik! Kollox kemm niddubbaw: fix-xogħol tal-moħħ u ta' l-id, sa fil-prinċipji......!*

*U nagħlaq minn fejn bdejt, b'apprezzament tax-xogħol li Dr. Boffa, il-lum Prim Ministru ta' Malta, għamel għar-rebħa u għall-fidwa politika ta' lsien il-poplu, bil-ħsieb sabiħ, kif xehed quddiem ir-Royal Commission, li l-Malti jkun jiswa biex jemanċipa lill-kotra mill-injoranza u jagħtiha l-istatus ta' nazzjon. Minn għandu aħna li ngħallmu l-Malti għandna dritt nistennew, u hu ma jonqosniex, kull għajnuna biex noħorġu minn ilsien il-poplu dawk is-setgħat moħbija li jinsabu ġo fih u li jista' jagħraf-hom u jgħallimhom l-istudjuż biss.*

*Biex il-Maltin ikunu tabilħaqq nazzjon u biex l-emanċipazzjoni politika tal-poplu Malti u l-ilsien Malti tagħmel l-akbar ġid fl-emanċipazzjoni kulturali li tiġi mill-istudji serji u għoljin.*

*Biex ir-rebħa tal-Malti u tal- Maltin ma tkunx nofs rebħa imma rebħa sħiħa. Mhux rebħa politika biss, imma rebħa morali wkoll.*

---